



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

14881/19
PV CONS 66
COMPET 792
IND 304
MI 837
RECH 519
ESPACE 99

ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Kompetittività (**Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju**))

28 u 29 ta' Novembru 2019

WERREJ

Pàġna

1.	Adozzjoni tal-aġenda	4
2.	Approvazzjoni ta' punti "A"	4
	Lista mhux leġislattiva	

SUQ INTERN U INDUSTRIJA

Deliberazzjonijiet leġislattivi

3.	Direttiva dwar l-azzjonijiet rappreżentattivi	4
4.	Direttiva li temenda d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tad-divulgazzjoni tal-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjt	4

Attivitajiet mhux leġislattivi

5.	Id-dimensjoni esterna tal-kompetittività Ewropea	5
----	--	---

Affarijiet oħra

6.	a)	Implimentazzjoni tar-Regolament il-ġdid dwar il-Kooperazzjoni fil-Protezzjoni tal-Konsumatur (CPC)	5
	b)	Regolamentazzjoni aħjar fl-appoġġ tat-tkabbir sostenibbli: Ħidma taħt il-Presidenza Finlandiża	5
	c)	Titjib tad-diġitalizzazzjoni tas-settur tat-turiżmu tal-UE: Ħidma taħt il-Presidenza Finlandiża	5
	d)	Eżitu tal-"Laqgħa Ministerjali tal-Ħbieb tal-Industrija 2019" (Vjenna, 4 ta' Ottubru 2019)	5
	e)	Kompetizzjoni fil-Fond Ewropew għad-Difiża	5
	f)	Rapport tan-Netwerk ta' Rappreżentanti tal-SMEs	6
	g)	Ktajjen ta' valur strateġiċi: Rapport tal-Forum Strateġiku dwar Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni	6
	h)	Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss	6

SPAŻJU

Attivitajiet mhux leġislattivi

- 7. Konklużjonijiet dwar "Soluzzjonijiet spazjali għal Artiku sostenibbli" 6
- 8. It-trawwim ta' ekonomija spazjali sostenibbli 6

RIĊERKA

- 9. Programm Euratom li jikkomplementa Orizzont Ewropa 7

Deliberazzjonijiet leġislattivi

- 10. Pakkett Orizzont Ewropa: Regolament dwar il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni 2021-2027 7

Attivitajiet mhux leġislattivi

- 11. Konklużjonijiet dwar l-istrateġija aġġornata tal-UE dwar il-bijoekonomija 7

Deliberazzjonijiet leġislattivi

- 12. Regolament dwar l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) 7
- 13. Deċiżjoni dwar l-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) 7

Affarijiet oħra

Spazju u Riċerka

- 14. Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss 8

ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill 9

LAQGĦA L-ĦAMIS 28 TA' NOVEMBRU 2019

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dok. 14323/19.

2. Approvazzjoni ta' punti "A"

Lista mhux leġislattiva

14337/19

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dok. 14337/19, inkluż id-dokumenti COR u REV ippreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet marbuta ma' dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

SUQ INTERN U INDUSTRIJA

Deliberazzjonijiet leġislattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. Direttiva dwar l-azzjonijiet rappreżentattivi

Approċċ ġenerali



14210/19 + ADD 1
7877/18 + ADD 1

Il-Kunsill qabel dwar approċċ ġenerali abbażi tad-dok. 14210/19 bl-astensjoni ta' AT, DE u UK. Id-delegazzjonijiet CY, CZ, LU, LV u SK ħarġu dikjarazzjoni, li tinsab fid-dok. 14210/19 ADD 1.

4. Direttiva li temenda d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tad-divulgazzjoni tal-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu

Approċċ ġenerali ⁽¹⁾



14038/19 + COR 1
+ ADD 1
7949/16

Il-Kunsill ma setax jaqbel dwar approċċ ġenerali abbażi tad-dok. 14038/19 + COR 1. 12-il delegazzjoni (MT, AT, CY, SE, LV, CZ, HU, EE, IE, LU, SI, HR) opponew l-għażla tal-bażi legali u żewġ delegazzjonijiet (DE, UK) astjenew. Id-delegazzjonijiet l-oħra appoġġaw it-test ta' kompromess. Dikjarazzjoni konġunta minn CY, CZ, EE, HU, IE, LV, LU, MT, SI u SE hija annessa ma' dawn il-minuti tal-Kunsill.

Attivitajiet mhux leġislattivi

5. Id-dimensjoni esterna tal-kompetittività Ewropea

 14055/1/19 REV 1

Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni abbażi tan-nota tal-Presidenza li tinsab fid-dok.

14055/1/19 REV 1.

Affarijiet oħra

6. a) Implimentazzjoni tar-Regolament il-ġdid dwar il-Kooperazzjoni fil-Protezzjoni tal-Konsumatur (CPC)

 14141/19

Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

b) Regolamentazzjoni aħjar fl-appoġġ tat-tkabbir sostenibbli:

 13924/19

Ħidma taħt il-Presidenza Finlandiża

Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza Finlandiża.

c) Titjib tad-diġitalizzazzjoni tas-settur tat-turiżmu tal-UE:

 14243/19

Ħidma taħt il-Presidenza Finlandiża

Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

d) Eżitu tal-"Laqgħa Ministerjali tal-Ħbieb tal-Industrija 2019" (Vjenna, 4 ta' Ottubru 2019)

 14246/19

Informazzjoni mid-delegazzjoni Awstrijaka

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni AT.

e) Kompetizzjoni fil-Fond Ewropew għad-Difiża

 14418/19

Informazzjoni mid-delegazzjoni Daniża

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni DK.

- f) **Rapport tan-Netwerk ta' Rappreżentanti tal-SMEs** [2] 14460/19
Preżentazzjoni mill-Kummissjoni
Il-Kunsill sema' l-preżentazzjoni mill-Kummissjoni.
- g) **Ktajjen ta' valur strateġiċi: Rapport tal-Forum Strateġiku dwar Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni** [2] 14461/19
Informazzjoni mill-Kummissjoni
Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.
- h) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
Informazzjoni mid-delegazzjoni Kroata

LAQGĦA L-ĠIMGĦA 29 TA' NOVEMBRU 2019

SPAZJU

Attivitajiet mhux leġislattivi

7. **Konklużjonijiet dwar "Soluzzjonijiet spazjali għal Artiku sostenibbli"** [2] 13996/19
Adozzjoni
Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dok. 14603/19.
8. **It-trawwim ta' ekonomija spazjali sostenibbli** [2] 14208/19
Dibattitu ta' orjentazzjoni
Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni abbażi tal-mistoqsijiet li jinsabu fid-dok. 14208/19.

RIĊERKA

9. Programm Euratom li jikkomplementa Orizzont Ewropa [C] 14301/19
9871/18 + ADD 1
Approċċ ġenerali parzjali

Deliberazzjonijiet leġislattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

10. **Pakkett Orizzont Ewropa: Regolament dwar il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni 2021-2027** [1][C] 14298/1/19 REV 1
9865/18 + ADD 1
a) Premessi
b) Anness IV (sinerġiji)
Approċċ ġenerali parzjali

Il-Kunsill adotta approċċ ġenerali parzjali kif jinsab fid-dok. 14643/19.

Attivitajiet mhux leġislattivi

11. **Konklużjonijiet dwar l-istrategġija aġġornata tal-UE dwar il-bijoekonomija** [2] 14187/19
Adozzjoni

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dok. 14594/19.

Deliberazzjonijiet leġislattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

12. **Regolament dwar l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT)** [1][C] 14325/19 + ADD 1
+ ADD 2 + COR 1
11228/19 + ADD 1
Approċċ ġenerali parzjali

Il-Kunsill adotta approċċ ġenerali parzjali kif jinsab fid-dok. 14658/1/19 REV 1.

Dikjarazzjonijiet mid-delegazzjoni AT, mid-delegazzjoni HU u dikjarazzjoni konġunta mid-delegazzjonijiet BG, HU, LT, PL u RO, appoġġati mid-delegazzjoni IT, huma annessi għal dawn il-minuti tal-Kunsill.

13. **Deċiżjoni dwar l-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT)** [1][C] 14326/19
11227/19 + ADD 1
Rapport ta' progress

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress kif jinsab fid-dok. 14326/19.

Affarijiet oħra

Spazju u Riċerka

14. Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
Informazzjoni mid-delegazzjoni Kroata

-
- ❶ L-ewwel qari
- ❷ Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
- ❸ Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
-

Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" leġislattivi li jinsabu fid-dok. 14323/19

Dwar il-punt "B" **Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi, u li tħassar id-Direttiva 2009/22/KE**

Approċċ ġenerali

DIKJARAZZJONI MINN ĊIPRU, IĊ-ĊEKJA, IL-LATVJA, IL-LUSSEMBURGU, IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA

"Sabiex il-konsumaturi jiġu protetti minn prattiki illegali jew inġusti minn negozjanti, huwa importanti li jingħataw proċeduri ta' rimedju effettivi f'kull Stat Membru. Għaldaqstant nilqgħu l-oġettivi tal-proposta tal-Kummissjoni u t-test ta' kompromess tal-Presidenza Finlandiża. Dan għandu jipprova lill-konsumaturi alternattiva affordabbli għal proċedimenti legali individwali l-aktar għaljin disponibbli llum il-ġurnata. L-adozzjoni tat-test ta' kompromess ser tippermetti wkoll l-iżblukkar tan-negozjanti fil-Kunsill wara sena u nofs u l-ftuħ tat-trilogi mal-Parlament Ewropew fid-dawl ta' ftehim finali.

Madankollu, jiddispijjaċina li t-test ta' kompromess iddgħajjed b'mod sinifikanti meta mqabbel mal-proposta inizjali tal-Kummissjoni fir-rigward tal-livell ta' armonizzazzjoni, ċertezza legali u faċilità ta' aċċess għall-konsumaturi. F'dak ir-rigward, it-test ma jipprovdix ċarezza addizzjonali fir-rigward tal-funzjonament transkonfinali tar-rimedju kollettiv, speċjalment ladarba l-Istati Membri jkunu dejjem kapaċi japplikaw il-kriterji ta' ammissibbiltà u l-proċeduri tagħhom stess minbarra d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva. Għalkemm it-test ta' kompromess jipprevedi kriterji ta' eliġibbiltà dettaljati u stretti, hemm nuqqas ta' rikonoxximent reċiproku ta' entitajiet kwalifikati bejn l-Istati Membri, li jgħaliq inċertezza legali għall-partijiet kollha involuti.

Peress li huwa kruċjali li tiġi promossa aktar il-fiduċja tal-konsumatur fis-Suq Uniku, offline u online, nittamaw li dawn il-kwistjonijiet jistgħu jiġu indirizzati, u li t-test ikun jista' jittejjeb kif xieraq, fit-trilogi li ġejjin mal-Parlament Ewropew. L-adeżjoni tal-konsumaturi u n-negozji Ewropej għal proċeduri kollettivi transkonfinali ser tiddependi fuq l-effiċjenza u l-affidabbiltà tagħhom."

Dwar il-punt "B"
nru 4:

Direttiva li temenda d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tad-divulgazzjoni tal-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu

Approċċ ġenerali

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MINN ĊIPRU, IR-REPUBBLIKA ĊEKA, L-ESTONJA, L-UNGERIJA, L-IRLANDA, IL-LATVJA, IL-LUSSEMBURGU, MALTA, IS-SLOVENJA U L-IŻVEZJA

"Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Latvja, il-Lussemburgu, Malta, is-Slovenja u l-Iżvezja jikkondividu b'mod sħiħ l-analiżi tas-Servizz Legali tal-Kunsill tal-11 ta' Novembru 2016, bir-referenza 2016/0107 (COD), FISC 194, li tiddikjara li l-proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tad-divulgazzjoni tal-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu trid tkun ibbażata fuq l-Artikolu 115 TFUE peress li kemm l-għan kif ukoll il-kontenut tal-proposta huma relatati ma' "dispożizzjonijiet fiskali", u li b'hekk tirrifjuta l-adeqwatezza tal-bażi ġuridika tal-proposta inizjali, jiġifieri l-Artikolu 50(1) TFUE, u huma tal-fehma li għaldaqstant, il-proposta trid tiġi approvata fil-Kunsill ECOFIN, b'kont debitu meħud tar-regoli proċedurali rilevanti.

Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Latvja, il-Lussemburgu, Malta, is-Slovenja u l-Iżvezja b'hekk iqisu li l-Kunsill COMPET mhuwiex il-konfigurazzjoni xierqa tal-Kunsill għall-adozzjoni ta' approċċ ġenerali dwar din il-proposta."

Dwar il-punt "B"
nru 12:

Regolament dwar l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT)

Approċċ ġenerali parzjali

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

"L-Awstrija tilqa' l-ftehim dwar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT). Madankollu, anki fid-dawl tan-negozjati li għaddejjin bħalissa dwar l-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni (ASI) għall-EIT, l-Awstrija tixtieq tenfasizza l-interpretazzjoni tagħha ta' żewġ aspetti importanti ta' dan ir-Regolament:

L-Artikolu 6(b) jiddikjara li l-EIT għandu jiżgura ftuħ għal, u jqajjem kuxjenza fost, organizzazzjonijiet sħab ġodda potenzjali, u jħeġġeġ il-parteċipazzjoni tagħhom fl-attivitajiet tal-EIT fl-Unjoni kollha, inkluż permezz tal-Iskema ta' Innovazzjoni Reġionali (RIS). Għall-Awstrija, huwa importanti li jiġi enfasizzat li "fl-Unjoni kollha" f'dan il-kuntest tfisser li r-reġjuni kollha b'parteċipazzjoni baxxa fl-attivitajiet tal-EIT ser jiġu ttrattati b'mod ugwali fir-rigward tal-appoġġ mill-RIS.

L-Artikolu 4a (5) tad-Deċiżjoni dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa (fil-verżjoni tal-PGA li ntlaħqet fil-15 ta' April 2019) jiddikjara li l-proċess ta' ppjanar strateġiku għandu jiġi kkomplementat minn proċess strateġiku ta' koordinazzjoni għas-Sħubijiet Ewropej; u skont l-Artikolu 8 tar-Regolament li jistabbilixxi Orizzont Ewropa (fil-verżjoni tal-fehim komuni li ntlaħaq fis-27 ta' Marzu 2019), il-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KICs) tal-EIT huma Sħubijiet Ewropej. Dan ifisser li l-proċess ta' koordinazzjoni strateġika għandu jinkludi l-KICs tal-EIT. Għalhekk l-Awstrija tinterpreta l-Artikolu 4(2) tar-Regolament EIT b'tali mod li r-referenza għall-proċess ta' ppjanar strateġiku tinkludi wkoll il-proċess ta' koordinazzjoni strateġika għas-Sħubijiet Ewropej, u li għalhekk l-ASI għall-EIT ser ikollha tieħu kont tal-proċess ta' koordinazzjoni strateġika."

DIKJARAZZJONI TAL-UNGERIJA DWAR L-INDIPENDENZA TAL-ISTITUT EWROPEW TAL-INNOVAZZJONI U T-TEKNOLOĠIJA (EIT)

"L-Ungerija tilqa' l-eżitu tan-negozjati dwar ir-regolament dwar l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT), li huwa pass importanti biex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tal-EIT.

Il-mudell ta' governanza tal-EIT huwa bbażat fuq Bord tat-Tmexxija b'saħħtu, indipendenti u ta' livell għoli. Aħna nappoġġaw bil-qawwa li l-EIT u l-Bord tat-Tmexxija tiegħu għandhom ikunu responsabbli quddiem il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew ukoll.

L-abbozz ta' regolament jipprevedi l-għoti ta' rwol superviżorju u d-dritt ta' veto *de facto* lill-Kummissjoni Ewropea li, skont l-Ungerija, timmina l-indipendenza tal-EIT.

Ma hemm l-ebda raġuni għall-bidliet proposti b'rabta mal-istruttura tat-tmexxija tal-EIT, għalhekk l-Ungerija ma taqbilx magħhom, peress li tali restrizzjonijiet huma ta' ħsara serja għall-indipendenza tal-EIT.

L-Ungerija tissottolinja li l-miżuri futuri kollha għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjoni bbażata fuq il-prinċipji dwar l-indipendenza operazzjonali tal-EIT, u li dan tal-aħħar għandu jwettaq l-attivitajiet tiegħu indipendentement mill-awtoritajiet nazzjonali u l-pressjonijiet esterni."

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-BULGARIJA, L-UNGERIJA, IL-LITWANJA, IL-POLONJA U R-RUMANIJA, APPOĠĠATI MILL-ITALJA

"Aħna nilqgħu l-proposta dwar l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) li ser tikkontribwixxi għall-miri ta' Orizzont Ewropa permezz tal-integrazzjoni tat-trianglu tal-ġarfien.

Aħna nirrikonoxxu l-progress miksub matul in-negozjati dwar il-pakkett leġislattiv tal-EIT u speċjalment it-tentattivi biex jiżdiedu l-ftuħ u t-trasparenza tal-EIT.

Madankollu, ninsabu mħassba dwar l-ambitu mwessa' tad-definizzjoni tal-Iskema ta' Innovazzjoni Reġjonali (RIS). Il-proposta attwali tirreferi għall-eliġibbiltà tal-pajjiżi, madankollu ma tagħti l-ebda indikazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-innovazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, il-baġit previst għall-iskema RIS, li jinkludi 10-12 % tal-baġit totali tal-KICs tal-EIT, jipprevjeni wkoll l-estensjoni tal-ambitu tal-RIS.

Aħna nisħqu li l-enfasi **fuq ir-reġjuni fil-pajjiżi li huma innovaturi modesti u moderati hija prekondizzjoni għall-effettività tal-RIS**. Il-kapaċità ta' innovazzjoni tar-reġjuni lil hinn minn dawn il-pajjiżi għandha titrawwem permezz ta' miżuri oħra li jistgħu jiġu żviluppati fl-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni (ASI) tal-EIT.

Meta wieħed iqis li l-atti legali tal-pakkett leġislattiv tal-EIT huma intrinsikament interkonnessi, aħna nirriżervaw id-dritt li nerġġu lura għan-negozjati dwar ir-regolament f'każ li l-iżvilupp tal-ASI ma jirriflettix id-direzzjoni ppreżentata fir-rapport ta' progress.

Nistiednu lill-Presidenza, lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Istati Membri u lill-Parlament Ewropew biex jindirizzaw din il-kwistjoni."